# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Kumpless Umberto Calosso
Triq il-Kbira San {u\epp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
E-Mail: santavenera.lc@gov.mt
Web page: http://www.stvenera.gov.mt


**28/17**

**Minuti tat-tmienja w ghoxrin laqgħa tas-sbattax il-sena tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li saret fit-3 ta' Marzu, 2011, fil-bini amministrattiv tal-Kunsill, Kumpless Umberto Calosso, Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera**

**Preżenti:**

Is-Sur Horace J. Anastasi---Sindku
Is-Sur Carmel Camilleri---Kunsillier
Is-Sinj. Mariella Micallef---Kunsilliera
Is-Sur Stephen Sultana---Kunsillier
Is-Sur Edwin Formosa---Kunsillier

Is-Sur Joseph M. Formosa – Agent Segretarju Ezekuttiv

**Skuzati:**

Is-Sur Ronald Briffa---Viċi Sindku
Is-Sur Cleaven Christian Bugeja – Kunsillier

**AGENDA**

1. Talba

2. Qari u approvazzjoni tal-minuti (Minuti tat-18 il-Laqgha li saret fil-15 ta' Dicembru, 2010, Minuti tat-tkomplija tat-18 il-Laqgha li saret fis-6 ta' Jannar, 2011, Minuti tat-tkomplija tat-tkomplija tat-18 il-Laqgha li saret fis-17 ta' Jannar, 2011 u Minuti tat-tkomplija tat-tkomplija tat-tkomplija li saret fil-21 ta' Frar, 2011)

3. Affarijiet li tqajmu mill-minuti (Minuti tat-18 il-Laqgha li saret fil-15 ta' Dicembru, 2010, Minuti tat-tkomplija tat-18 il-Laqgha li saret fis-6 ta' Jannar, 2011, Minuti

tat-tkomplija tat-tkomplija tat-18 il-Laqgha li saret fis-17 ta' Jannar, 2011 u Minuti tat-tkomplija tat-tkomplija tat-tkomplija li saret fil-21 ta' Frar, 2011)

4. Kommunikazzjonijiet mis-Sindku

5. Kunsill Lokali Zaghzagh

6. Aggornament

**1. Talba u Bidu tal-laqgha**

Il-laqgha bdiet fis-6.35pm wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsllieri prezenti.

**2. Qari u approvazjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tat 18 il-Laqgha li saret fil-15 ta' Dicembru, 2010, Minuti tat-tkomplija tat 18 il-Laqgha li saret fis 6 ta Jannar, 2011, Minuti tat-tkomplija tat-tkomplija tat-18 il-Laqgha li saret fis-17 ta Jannar, 211 u l-Minuti tat-tkomplija tat-tkomplija tat-tkomplija li saret fil 21 ta Frar, 2011 gew mehuda bhala moqrija peress li dawn gew cirkulati ghand il-Kunsillieri kollha qabel il-laqgha.

**3. Korrezjonijiet:**

**Minuti tat-18 il-laqgha li saret fil-15 ta' Dicembru, 2010.**

**3.01 Pagna 5: Tema 3.09 Pagna 6 Tema 03.12 Tema (VI) Zebra Crossing, Pelican Light u Bus Stop.**

Il-kelma "hajt" fl-ewwel paragrafu ghandha tkun "hatt" u ghalhekk l-ahhar parti ta dan il-paragrafu ghandha taqra hekk: jekk isir il-hatt (loading/unloading) fi Triq il-Ferrovija se jaghti soljev lir-residenti ta' Triq il-Parilja Santa Venera.

**4.00 Approvazjoni tal-minuti ta' l-ewwel parti tat 18 il-Laqgha li saret fil-15 ta Dicembru, 2010.**

Il-Minuti ta' l-ewwel parti tat 18 il-Laqgha li saret fil-15 ta' Dicembru, 2010 gew approvati wara l-korrezjoni kif hawn fuq imsemmija.

**5.0 Affarjiet li tqajmu mill-minuti ta l-ewwel parti tat-18 il-Laqgha li saret fil 15 ta' Dicembru, 2010.**

**5.01 Pagna 3 (i) Tema 3.01 Pagna 2 Tema (iii) 3.6 (ii) Parkegg fi Triq il-Kanun, Santa Venera**

Is-Sur Carmel Camilleri qal li minn informazzjoni li kiseb jista jinforma lill-Kunsill illi il-faccata tal-istabbilimenti Country Flowers u Fuji hija art privata u ghalhekk dawn iz-

zewg stabbilimenti ghandhom kull dritt li jaghmlu uzu minn dan l-spazju kif jixtieqi huma skond il-ligi.

**5.02 Pagna 4 (ii) Tema 3.04 Pagna 3 Tema (viii) zieda: Korrispondenza mill-Perit Sarsero**

Is-Sur Stephen Sultana talab li l-Kunsill jimxi fuq dak li talab is-sid li jopera servizz ta' funerali. Is-Sur Stephen Sultana insista li l-Kunsill jibghat ittra ohra lit-Transport Malta sabiex issir pressure mill Kunsill u b'hekk it-Transport Malta tilqa it-talba tas-sid.

Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill qed jistenna r-risposta tat-Transport Malta (TM) u ma nistghux ninhlew fuq item li dwara l-Kunsill ikun diga ha passi mehtiega.

F'dan l-istadju s-Sur Stephen Sultana talab vot fuq il-proposta tieghu.

Ghal proposta tas-Sur Stephen Sultana s-Sindku qal li xtaq jaghmila cara u jispjega illi huwa ma kienx sejjer jivvota favur din il-proposta tas-Sur Stephen Sultana mhux ghax ma jaqbilx li nghinu lis-sid jikseb dak mixtieq sabiex jimxi bla tfixkil fit-twettiq tas-servizz tieghu izda dak li qed jitlob is-sid hija kompetenza assoluta tat Transport Malta u din diga ghandha quddiema t-talba tas-sid kif ukoll ir-rapport tal-Perit jew Periti li gew imqabda mis-sid sabiex ighinuh ikollu success dwar it-talba tieghu lit Transport Malta.

Is-Sindku insista li lill dan il-bniedem il-Kunsill ma injorahx.

Il-proposta tas-Sur Stephen Sultana sabiex il-Kunsill ikompli jaghmel aktar pressure fuq it-Transport Malta ghaddiet ghall-VOT.

Favur il-proposta: Sur Stephen Sultana
Sur Edwin Formosa
Kontra : Sur Horace J. Anastasi
Sur Carmel Camilleri
Sinj. Mariella Micallef

Il-proposta tas-Sur Stephen Sultana ma ghaddietx.

**5.03 Pagna 5 (iii) Tema 3.07 Pagna 5 affarijiet ohra / aggornament**

Is-Sur Stephen Sultana qal li dawk is-sinjali tat-traffic ghandhom ma jidrux minkejja li l-Kunsill qabel li dawn is-sinjali ghandhom jigu rifreskati.

Is-Sindku qal li l-Kunsill xtara z-zebgha mehtiega u l-Kunsill qed jirrifreska s-sinjali kif ikun mehtieg u jippermetti t-temp.

**5.04 (iv) Pagna 5/6 Tema 3.09 Pagna 6 Tema 03.12 Tema (vi) Zebra Crossing, Pelican Light u Bus Stop.**

Is-Sur Stephen Sultana ghamel referenza ghal dak li hemm f'pagna 5 u xtaq li jaghmilha cara li huwa dejjem tkellem dwar Zebra Crossing u mhux il-Pelican Lights u dan jista' jigi konfermat mill-korrispondenza antika meta huwa kien Sindku.

Is-Sindku qal li mindu lahaq Kunsillier f'April, 2008, huwa beda jishaq sabiex jintalbu z-Zebra Crossing qrib il-Park Towers sahansitra gaba darbtejn fuq gazzetta lokali. Is-Sindku qal li jemmen li ghandu jkun hemm Zebra Crossing armati sewwa b'dawl addatt bil "cats eyes" b'sinjali fl-art u tabelli ohra li juru li qed toqrob l-istess Zebra Crossing u ghandu ikun hemm studju profond li jaraw li l-implimentazjoni taghhom ikun li jigi salvagwardjat s-sahha u l-hajja tal-persuni u tevita xi hsarat lill-ambjent.

**5.05 (v) Pagna 6 Tema 3.10 Pagan 6 Tema 03.15 Tema 4(5) Tender – Resurfacing of Roads by PPP agreement at Santa Venera.**

Is-Sur Stephen Sultana staqsa dwar liema parti tat-triq Misrah il-Barrieri sejra issir resurfaced. Huwa qal li jidher li hemm parti tat-triq li mhux qed tigi nkluza u dwar dan min ha din id-decizjoni zbalja ghaliex ma tistax tohloq diskriminazjoni fost ir-residenti.

Is-Sindku spjega li l-batches kienu gew miftehma u iffirmat ghalihom is-Sindku precedenti qabel ma huwa lahaq Sindku.

**5.06 (vi) Pagna 7 Tema 3.12 Pagna 8 Tema 03.19 korrezjoni tal-Minuti**

Is-Sur Carmel Camilleri qal li xtaq jippreciza li huwa ma xtaqx jikkritika lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali izda xtaq jinsisti u jishaqq fuq is-supremazjia assoluta tal-Kunsill.

F'dan l-istadju l-affarjiet li tqamu mill minuti ta' l-ewwel parti tat 18 il-Laqgha li saret fil 15 ta' Dicembru, 2010 gew ezawriti.

**6.00 Aggornament**

Bi qbil bejn il-Kunsillieri prezenti s-Sindku aggorna l-Laqgha fit 8.15pm.

Il-Laqgha sejra tkompli nhar it-Tlieta 15 ta Marzu, 2011 fil 5.30pm sabiex il-Kunsill ikompli fuq l-istess agenda.

| | |
|---|---|
| Joseph M. Formosa<br>Agent Segretarju Ezekuttiv | Horace J. Anastasi<br>Sindku |

Data_________________